MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2003

Numru 617/2003

**Il-Pulizija**

**Spettur David Saliba**

v

**ANTHONY MALLIA**
**RODERICK ABELA**
**KENNETH MALLIA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTHONY MALLIA** ta' sitta w ghoxrin sena bin Rosario u Maria nee Pace, imwieled Pieta nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Jannar 1977 u residenti 18, 'Bella Carina', Triq Katerina Vitale, Santa Lucija, detentur tal-karta tal-identita numru 149377M, **RODERICK ABELA** ta' sbatax il-sena bin Raymond u Vincienne nee Dimech, imwieled Pieta nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Gunju 1986 u

residenti Flat 4, Entratura F, Binja Tal Fuqani, Santa Lucija u **KENNETH MALLIA** ta' hmistax il-sena bin Rosario u Maria nee Pace, imwieled Pieta nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Gunju 1988 u residenti 18, 'Bella Carina', Triq Katerina Vitale, Santa Lucija, detentur tal-karta tal-identita numru 319588M gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

1. F'Santa Lucija fil-lejl ta' bejn l-hdax u t-tnax ta' April 2003, ghall-habta ta' nofs il-lejl matul il-jum li fih kienet qed ssir l-elezzjoni tal-Membri ghal Kamra tad-Deputati, u matul il-jum li jigi minnufih qabel elezzjoni, xjentement qassmu gazzetta stampata jew mezz iehor ta' kommunikazzjoni lil pubbliku bil-hsieb li x'aktarx jinfluwenzaw lil eletturi fl-ezercizzju tal-jedd tal-vot;

2. Talli Anthony Mallia wahdu fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu u jew taht il-kontroll tieghu arma tan-nar tal-ghamla Browning u munizzjon barra mill-fond jew post li jaghmel mieghu kif wkoll zamm u garr l-istess arma u munizzjon bla licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-istqarrijiet tat-tlett imputati esibiti fl-atti markati bhala dokument CSH 7 tal-imputat Anthony Mallia, CSH 8 tal-imputat Roderick Abela u CSH 9 tal-imputat Kenneth Mallia.
Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom fis-seduta ta' llum l-wiehed u ghoxrin ta' Ottubru 2003 u wara li wisset lill-istess imputati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom ftit ta' zmien biex jekk riedu setghu jergghu lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghhom giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta ta' llum u dana fil-presenza tal-avukat difensur taghhom.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa u inkondizzjonata da parti tal-imputati, il-Qorti hija sodisfatta li l-imputati ghandhom jinstabu hatja tal-akkuzi kif ammessi minnhom.

Dwar il-piena il-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatti u cioe:

a. l-ammissjoni bikrija tal-imputati sa mill-bidu nett tal-proceduri u cioe fl-ewwel okkazzjoni moghtija lilhom;
b. li l-imputati kkorroboraw bis-shih mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u cioe mill-mument meta rrilaxxjaw l-istqarrija taghhom dokumenti CSH 7, CSH 8, u CSH 9 ftit mumenti wara li sehhew r-reati in kwistjoni;
c. illi l-imputati huma naïve hafna u dan jirrizulta mill-manjiera kif wiegbu d-domandi mposti lilhom fl-istatement;
d. illi l-imputati Roderick Abela u Kenneth Mallia ghandhom eta tenera ta' sbatax u hmistax il-sena;
e. illi l-fedina penali taghhom hija wahda ndellibbli bla ebda tebgha registrata fuqha, filwaqt li minn ezami tal-fedina penali ta' Anthony Mallia jirrizulta li fis-sena 2002 kien instab hati ta' reat kontra l-kacca u gie kkundannat multa ta' sittin lira maltin.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe artikoli 114(1) tal-Kap 354, artikolu 26(a) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghalhekk wara li rat l-artikolu fuq citati, tiddikjara li ssib lill-imputat ANTHONY MALLIA hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu kif ammessi minnu stess u tikkundannah ghal sena prigunerija sospiza ghal tlett snin u ghal hlas ta' multa ta' mitt lira maltin li ghandha tithallas fi zmien jumejn mill-lum.**

**Tiddikjara li ssib lil imputati RODERICK ABELA u KENNETH MALLIA hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom kif ammessi minnhom stess u ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 466 tilliberhom bil-kundizzjoni li ma jghamlux reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum.**

**Il-Qorti fissret l-import ta' din is-sentenza lill-imputati li ddikjaraw li fehmu it-tifsira taghha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------